# Lehen il-Malti

MAĦRUĠ

MILL-*GĦAQDA TAL-MALTI* (UNIVERSITÀ)

The Royal University of

**L-Ewwel Sena** **Frar 1932** **No. 12**

Stampât fl-"Empire Press" 266, Strada San Paolo — Il-Belt

# LEHEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITÀ)

DIRETTUR: ĠUŻÊ BONNICI, B.SC., M.D.

**FRAR 1932]** **L-EWWEL SENA** **[Nru 12**


## WARA SENA

Għaddiet sena, u l-Għaqda tagħna għadha ħajja, għadha f'saħħitha, aktar f'saħħitha minn sena ilu. Il-ħeġġa li laqqgħetna l-ewwel darba ma birdetx, imma nħossuha tikber dejjem magħna. Għalkemm mhux kullħadd feraħ bina, għalkemm xi ħadd maqdarna, aħna żammejna dejjem sħiħ u nżommu dejjem sħiħ, għax ħsebijietna kollha, fehmietna kollha, xewqat qalbna kollha huma safjin daqs il-bjuda tad-dija tax-xemx.

Inħarsu warajna, nifirħu li l-ħedma tagħna ma sfâtx fix-xejn. Il-kitba maltija tât qabża l-quddiem. Ħafna żgħażagħ, li sena ilu qatt ma kienu kitbu kelma bil-malti, il-lum imħarrġin sewwa u għada jkunu huma l-kittieba li jatu lill-kotra ta' ħutna kotba maltin li jwettquhom fit-tagħlim it-tajjeb.

Imma ħażin għalih min jirteħa, jieqaf jew jerġa' lura. Ix-xogħol tagħna mhux xogħol ta' sena, sentejn, imma xogħol ta' ħajjitna kollha. Issa nitħarrġu, nissawwru, insiru kittieba, biex il-quddiem inkunu nistgħu naħdmu għal rasna. Għalhekk issa fi tmiem l-ewwel sena nħarsu lejn l-imgħoddi mhux biss biex nifirħu b'xogħolna, imma l-aktar biex niflu bir-reqqa x'għamilna tajjeb u x'ma għamilniex tajjeb u natu kelma li għalli ġejj in nieqes jissewwa, u t-tajjeb isir aħjar. B'dan il-ħsieb f'moħħna, biex ingħinu kemm nifilħu l-kitba maltija u nħajru ż-żgħażagħ biex jidraw jiktbu, sejjrin nibdew nilqgħu artikoli, proża jew poeżija, ta' barranin ukoll, jiġifieri ta' min mhux u qatt ma kien Student tal-Università. Minnhom nippublikaw wieħed biss, li jkun l-aħjar; jekk ikun hemm aktar minn artikolu wieħed li jistħoqqlu jkun ippublikat, nippublikawh ukoll meta u kif jidhrilna.

# GĦAL BTALA TA' SAN PAWL TA' FRAR 1932.

Għarrqu, ja mewġa, għarrqu l-dak il-ġifen
li fuqu Pawlu sejjer lejn art oħra;
venven, ja riħ, u fis dak il-qluħ tajjar
f'saħtu w bajdani!

Raxxax bil-boqoq, xita, bla ma' tiskot,
u għaqqad dalmek ma dalmiet-il-baħar,
ħa jsiru l-art, is-sema, il-baħar kollha
biża' w twerwir!

Xejn toqgħod tara, o ħalla, f'din il-għadba
li n-nies fix-xtajta kollha jixhru u jibku.
għal Pawlu w sħabu li sa jegħrqu għarqa
ta' ħasra kbira.

Wasal il-ħin għal Malta biex tinħeles
mid-dlam u l-għama tal-għefiered kiefra;
roddielha l-kewkba ħalli lilha tmexxi
bid-dija tagħha.

M'intix, ja mewġa, tisma' il-biki klubi
tal-allat ħżiena hemm iqattgħu xagħrhom,
ma' l-infieħ qawwi ta' l-irieħ li qajmu
fil-għadba tagħhom?

Arah lil Pawlu, wiċċu lejn is-sema,
arah lill-Anġlu nieżel minn għand Alla
ħelu w bajdani ġewwa id-dlam tal-ajru
riesaq ikelmu.

Isimgħu l-Pawlu: "Le, ħadd, ħadd, ma jegħreq."
wiċċu bla biża', mas-smewwiet jitħaddet;
isa, ja mewġa, x'int tistenna mela?
għarrqu lil ġifen!

Tiha l-missierha biex Malta tmur titwieled
fis-Sewwa t'Alla fuq Salib imdendel;
Hu li jrabbiha, jieħu ħsieb jgħallimha,
w itiha l-ġenna.

Għarrqu, ja mewġa; Malta tkun tafulek;
tibqa' tgħannilek għal kemm jiġu snin,
qatt le ma tinsa l-ġid kbir li ġibtilha
bl-għarqa ta' Pawlu.

30—1—32.

A. Buttigieg

# IL-POËŻIJA TA' DUN KARM

## (WARD IEĦOR)

Wara li f'għadd ieħor ta' dan il-ktejjeb (ara Awissu 1931, faċċ. 6-7, u Ottubru 1931, faċċ. 5-7) konna għarbilna fuq fuq ix-xogħol ta' Muscat Azzopardi bħala poëta Malti, ħassejnieh xieraq li ngħaddu ftit ħin ma' poëta ieħor Malti, Dun Karm, kif insibuh f'wieħed mill-kotba tiegħu *Ward Iħor* (Muscat, 1920), li, kif juri ismu, jorbot ma' ktieb ieħor qablu *L-Ewwel Ward.*

Ma narax għalfejn għandi noqgħod infisser il-għala qbadt, il-poëżija ta' Dun Karm. Il-lum f'Malta jafu kullħadd, egħdewwa u ħbieb: egħdewwa biex imaqdru, ħbieb biex ifaħħru. Il-poëta tagħna mhux magħruf biss bħala wieħed li sebaq lil sħabu fil-għanja Maltija, imma wkoll bħala wieħed li ma' ftit oħra għamlu ġieħ lis-sabiħ u kbir ilsien ta' Ruma, dak li għandu moħbija fil-ġrajja tiegħu l-kobor ta' nies li rabtu isimhom għal dejjem mażżmien. Jaħseb xi ħadd li l-Malti jieħdu ħsiebu biss dawk li ma jistgħux jogħlew fil-kitba ta' ilsna barranin: dan hu għelt kbir u minn Dun Karm u minn xi oħrajn bħalu nistgħu naraw il-għala. Dal-aħħar dehret antoloġija jew ġabra ta' poëżiji taljani miktuba minn ħutna l-Maltin. Fosthom jidher f'xogħol mill-aħjar il-poëta Malti Dun Karm. Ingħid għalija fraħt tassew nara din il-ġabra ta' poëżija taljana mill-pinna ta' ħutna: kull xogħol li jinbet, bħala xitla fi ġnien, minn qalb niesna, mingħajr ma nqis il-lsien, sakemm hu xogħol tajjeb, jiena ngħożżu bħala ġawhra tal-ħila Maltija. Mhux li kieku ħafna minn dawk li jmaqdru l-Dun Karm mingħajr ma qraw qatt xejn minn tiegħu, jibdew jaħsbu hekk! Ma nixtieqx dan għalija n-nifsi imma għall-ġieħ ta' Arti li hi kbira jew żgħira fil-kburija jew żgħorija ta' moħħ ħutna.

Nara li tlaqt daqsxejn il-barra mill-art li rrid ninżel fiha. Il-lum dmiri hu li ngħarbel sa fejn teħodni l-ħila dgħajfa tiegħi l-poëżija ta' Dun Karm fil-ktieb li għandi quddiemi *Ward iħor*, imqassam f'żewġ taqsimiet: l-ewwel taqsima jisimha "Mill-għana tar-ruħ", l-oħra jisimha "Mill-għana tal-ħajja."

Bi ħsiebi ngħaddi mogħdija l-poëżiji li laqtuni l-aktar, nifli s-sbuħija, reqqa, ħedma u ispirazzjoni li jatuhom il-ħajja, u ma' tul it-tgħarbila nuri dawk li huma nuqqasijiet. L-aħħar biċċa tax-xogħol hi daqsxejn kerha, ftit iebsa u bla ħajr, għalkemm tista' tkun ta' fejda. Imma fil-kritika tal ħajj bħal dik tal mejjet jeħtieġ li l-kittieb igħid is-sewwa u xejn ħlief is-sewwa, għal wiċċ ħadd, imma biss biex jaqdi dmiru lejn il-qarrejja u xejn anqas lejn il-poëta jew prożatur li xogħlu hu jkun igħarbel. Għalhekk fil-waqt li nuru dak li hu maħdum bis-sengħa, ma nibqgħux l-ura ma nurux fejn naħsbu li hemm xi nuqqasijiet, dejjem bil-ħsieb

imma li natu jedd fil-għalqa lil kull min irid igħid fejn ma jaqbelx magħna. Biss meta wieħed idaqqas ħsiebu ma' dak ta' ħaddieħor jista' jasal għas-sewwa, billi jara liema ħsieb hu l-aħjar u l-isbaħ.

Għax-xogħol mela. Il-ktieb jiftaħ b'poeżija sabiħa jisimha "Alla". F'ras il-ktieb din qisha l-qrara ta' twemmin tal poëta f'Sid il-Ħolqien li jidher b'setgħetu kollha f'kullma madwarna juri saħħa, qawwa u sbuħija. Niftakru li Dun Karm fuq kollox hu qassis u li għalhekk fil-kitba tiegħu, mogħni kif inhu bi ħsebijiet tassew insara mibnijin fuq sisien imqaddsa, sbieħ bħal dawk ix-xtieli li l-anġli jħawwlu fil-ġonna ta' Alla. Isimgħu kif Dun Karm ifaħħar il-Mulej Sidu, xħin milqut mill-kobor Tiegħu imur jgħidlu:

Int is-Setgħa li taħkem il-wisa',<br>
Int is-Setgħa li taħkem iż-żmien.

Inti tnissel il-ħajja mill-ħajja,<br>
Int iż-żergħa fil-frotta sawwart.

Xi ħjelijiet sħaħ u sbieħ! F'din il-poeżija l-poëta niseġ sbuħija fuq sbuħija, għax kullma jara madwaru, kollox imdawwal mit-twemmin ta' Ommu, Dun Karm jara 'l Alla: Alla fik, fuqek, madwarek, kullimkien din il-Qawwa, Saħħa bla qjies minnha nfisha, nifs tal-ħajja, tama tal-bniedem. Kollox minnu jitħaddet. Isimgħu xi tgħid il-għanja:

Nara l-qawwa ta' driegħek fil-baħar<br>
meta jmewweġ mir-rwiefen milqut,<br>
u bi ħsejjes ta' ragħda waħxija<br>
nisma' l-ħalel jitkissru max-xtut.

Din il-poeżija hi sabiħa tassew għall-għaġla ta' ħsebijiet u xbihat milquta, minsuġa f'rabta tas-sengħa. Warajha tiġi oħra mhux inqas minnha sabiħa, sħiħa u fuqanija fil-għoli tal-ħsebijiet. Tissejjaħ "Il-Għid il-Kbir", il-għanja kbira ta'

Min siket fil-kesħa mudlama tal-qabar,<br>
f'setgħetu qâm waħdu mill-ħdan tal-mejtin.

Il-ħsebijiet ta' din il-poeżija huma kollha maħduma mill-ġrajja magħrufa tal-Qawma mill-imwiet ta' Sidna Bin Alla. Sħaħ tassew huma l-versi li bihom tiftaħ. Il-Lhud għomja mil-leħħa tal-Qawwa tad dinja ma jistgħux jifhmu kif qatt hu Alla

Min tala' l-Kalvarju bis-saħta fuq rasu<br>
u mżeblaħ temm ħajtu fuq għuda bla ġieħ.

għax, igħidu huma, il-Profeti ħabbrulna dejjem Messija rebbieħ, għani,

imdawwar bil-qawwa li taħkem, li tirbaħ,
li teqred l-egħdewwa miġbura flimkien.

Naqbżu "Żjara lil Ġesù" u "Il-Vjatku", sabiħa t-tieni għat-toqol ta' versi li jġibulek quddiem għajnejk għaddej bil-lejl il-Vjatku, xħin

Fuq iż-żlieġa
tal-art imxarrba l'hawn u l'hinn tinkiser
id-dija ħamra tal-fanali u donnha
għar-rqad tistiednek,

u ngħaddu għall-poeżija ħelwa u sabiħa "Il-Monument", tifkira tal-Kungress Ewkaristku tal-1913. B'qalb ta' poeta u b'ħarsa li tinfed sal-qiegħ, Dun Karm jaqra l-ħarsa u l-qagħda ta' din l-istatwa ta' ħuna l-Malti Skultur Xortino. Quddiem għajnejh Kristu jidher bħal wieħed għajjien mitluq għal għonq it-triq ifittex 'l uliedu mxerrda mad-dinja kollha. Igħid Dun Karm, il-poeta li qatt ma jinsa li hu fuq kollox qaddej ta' Kristu:

Jidher ħsiebek fil-ħemda ta' ġbinek,
tidher qalbek minn ħarset għajnejk;
kemm hi għommtok fl-imħabba jgħiduli
dawk il-ħofor li għandek f'għajnejk.

Minn moħħ Malta ma tgħaddi qatt tifkira hekk kbira. Malta, igħid il-poeta, qatt ma għandha tinsa l-Kungress Ewkaristku, għax Hu raha

U bil-kelma li tixraq lil-libsa
tagħmel ħalfa għal kemm żmienha itûl
qatt minn qalbha, minn moħħha ma twarrab
il-misterju tal-għeneb u s-sbul.

Wiċċ Kristu, imħaffer, bil-ħarsa ta' wieħed għajjien, mitluq għal għonq it-triq, bil-għatx tal-imħabba, minn Malta jitlaq biex iżur artijiet oħra:

Fejn int sejjer o Bniedem, o Alla
fommok mimli bil-kelma tas-Sliem?

B'dawn il-kelmiet tagħlaq il-poeżija. Tistħajlek għadek tara f'għajta ta' mħabba, 'l Kristu miexi, miexi qalb il-bliet u qalb l-irħula, kullfejn hemm il-mifdijin ta' demmu. "Il-Monument" hi maħduma b'sengħa kbira, b'reqqa ta' kliem magħżula li jatu daqq u ħoss sħiħ, imsaħħin minn sentiment ta' twemmin imwieled dritt mill-qalb, bla tnikkir ta' versi mlaqqta.

Wara nilħqu "Il-Għanja ta' Mejju". Din għalija hi nisġa ta' versi b'ispirazzjoni mkagħbra, dgħajfa, xi ħaġa bħal lewża qabbieża. Tneħħi xi versi l'hawn u l'hemm, il-poëżija hi nieqsa minn dak li nistgħu nsejħulu "ir-ruħ" tal-poëta, dik il-qawwa, biex ingħid hekk, li tlewwen u tqajjem b'ħajja żagħżugħa u ħelwa t-tifsila tal-ħsebijiet u xbihat. L-ewwel wir-raba' sitt versi mhux ħażin. Imma ħu dawn li ġejjin, xtarrhom u qishom, u araw taqblux miegħi jekk ingħid li huma bla ruħ, nisġa ta' xbihat konvenzjonali. Igħid lill-Madonna l-poëta kif Alla ħabbha, hekk, igħidilha li,

Biex ix-xemx bid-dija jlibbes
Ħares ħarsa lejn għajnejk;
biex iżejjen wiċċ is-sema.
seraq daħka minn xofftejk;
fuq il-lewn ta wiċċek ħlejju
pinġa l-ward tax-xahar ta' Mejju.

Bil-kelma "konvenzjonali", għal min ma jafx, irrid infisser ħjiel, li għalkemm jidher sabiħ fil-qoxra, hu battal, bla ħajja, bla ruħ minn ġewwa.

Insibu ftit il-quddiem "Il-X ta' Frar", poëżija bil-kif, maħduma tajjeb, marbuta bis-sengħa ta' mgħallem. Minnha nieħu l-versi li ġejjin biex nuri x'saħħa għandu l-ħsieb ta' Dun Karm poëta. F'dan il-jum magħruf hu jgħid lil Malta:

U x'kienet tiswielek il-qawwa ta' Ruma
li taħtha ġabritek, iġġieldet għalik,
u tgħaxxqet b'insiġek, faħħritek fi djarek,
u ħabbet kull traba li tħaddar ġo fik,

La minnek il-hena kien dejjem imbiegħed,
ta' ħajtek ma tagħraf la l-bidu la t-tmiem;
imdallam il-qabar, imdallma l-benniena,
mitluqa fuq trieqtek bla ħatar, bla ħżiem?

Ilħabbtu ma' dawn il-versi l-egħdewwa tal-Malti oħrajn bħalhom tal-barranin u jaraw kif il-lsien Malti jżomm spalla ma' spalla mal-ilsna l-oħra.

Billi l-wisa' u ż-żmien ma jatunix, nitlaq ħafif ħafif din il-poëżija biex naqbad l-oħra ta' wrajha "Il-X ta' Frar" (oħra). Din il-poëżija malli qrajtha ħarġuli bla ma ridt il-kelmiet: "tiswa mitqlha deheb." Ħaġa ħafifa fiha nfisha, madankollu hi maħduma sewwa, bħal daqqa ħelwa, għaxqa tal-widna. Bejn din il-poëżija u ta' qabilha, din eħfef fil-ħsieb, mhux għolja daqsha, imma fid-daqq tal-versi hi isbaħ u aqwa. Il-versi mexxejja u ħfief jaqgħu bħal daqqa ta' qanpiena sħiħa fuq il-kelmiet *dawl* u *San Pawl*. Il-ħażż *d* tal-kelma *dawl* li tiżloq b'saħħa għal fuq il-kelma *San Pawl* tnissel dan il-ħoss. Naqta' xi versi biex

infisser x'irrid ingħid. Kull fejn idawwar wiċċu l-poëta jilmaħ ħwejjeġ sbieħ li jitkellmu minn S. Pawl. Fost ħwejjeġ oħra jgħid:

Imbagħad fuq wiċċ il-baħar
ħarist: kien hemm xi fewġa,
għax qalb il-blat sewdieni
smajt it-tneħid tal-mewġa;
u rajt bejn blat u ilma
miktub b'ittri tad-dawl
"San Pawl."

Fl-aħħar tliet versi waqqa' leħnek b'saħħa fuq il-kelma *dawl*, u mbagħad fuq *San Pawl*, u tara kif tislet ħoss sħiħ, l-aktar xħin dan ma' tul il-poëżija kollha ttennih ħames darbiet.

Wara jiġi sunett "In-Nawfraġju ta' San Pawl f'Malta"; għalija aktar proża jew poëżija u għalhekk ta' siwi żgħir. Naqbeż il-poëżija li tiġi warajha "Is-Salib", biex ingħaddi għall-oħra "Il-Wegħda". Din il-poëżija, fis-semplicità ta' ħjelijiet turi dak li b'kelma barranija ngħidulu *pathos*. Bla nikta, bla dardir ta' kliem mhux ħoku, din il-poëżija kienet tkun xogħol aħjar kieku Dun Karm ħalla barra l-aħħar erba' versi li flok ma jżidu, inaqqsu mis-siwi tagħha. Il-ħsieb ewlieni li ħaddem din il-poëżija hu dan: Il-poëta hu milqut minn tifla żgħira, ta' għaqal barrani, li titilqilha b'ġirja għall-Knisja, imgħobbija bl-isbaħ ward, biex tatih lill-Madonna ħalli din tfejqilha 'l ommha marida. Il-kliem ħelu safi bħall-ilma tal-widien jew il-għana tal-għasafar, li Dun Karm qiegħed f'fomm it-tifla hu sabiħ tassew. Imqar f'qalb ta' tifla żgħira Dun Karm jista' jaqra, jifli; u jgħarrex sa ma jħoss bħalha. Arawha taqbeż ħajja quddiem għajnejkom din id-daqsxejn ta' tifla ħelwa:

Sifa tas-sbul xuxitha,
qamħet il-lewn ħaddejha,
iżda bħal dell ta' niket
kellha fi ħbub għajnejha,

Fi ħbub għajnejha żoroq
bħas-safa tas-smewwiet,
fi ħbub għajnejha ħiemda
bħal baħar fil-qaliet.

Sa hawn messejna ħafif ħafif il-poëżijiet tal-ewwel taqsima, poëżijiet imnebbħin kollha minn ħsebijiet għoljin, tqanqil qaddis imwieled mit-twemmin nisrani, li jistrieħ fl-imħabba ta' Alla biss. Mela fl-ewwel taqsima Dun Karm mhux biss poëta, ħaddiem il-kelma, imma qassis ukoll li jaqdi dmiru billi jgħanni l-qdusija, is-sebħ, il-għerf ta' Alla li ħalqu. Għax mhux minn fuq il-pulptu biss il-qassis jista' jaqdi l'Alla Sidu u jgħallem it-tusijiet tiegħu, imma wkoll minn fuq il-kotba, billi jfisser fihom ħsebijietu u xewqatu skond id-dawl u d-dehen ta' moħħu.

GUSÈ AQUILINA

*(Jissokta)*

# *PATER*

Mulejja niżżik ħajr, għax il-ħaqq tiegħek
Inti taf twieżen bil-għamil tal-ħniena,
U ma tridx illi jmut, iżda li miegħek

Igħammar nisilna: d-demm għażiż li fdiena
Int qatt ma tinsa, u xxerred ħajr is-sema
Ma' kull telgħa ta' xemx fuq tajba w ħżiena.

Il-ħajr tiegħek, Mulej, qatt ma jirtêma,
U jinżel dejjem bħala xita bnina
Fuq l-art li kieku taħt id-dnub tinħema—

Int il-bidu tal-ħajja, Inti tatina
Il-milja tar-rġulija w Int lix-xwejjaħ
Tfarraġ bil-ħjiel ta' ħajja aktar ħanina

Għalhekk jien Lilek bl-ogħla tama nsejjaħ,
Sew jekk iż-żmien igħin sew jekk imieri;
U jiġi fuq xufftejja l-isem sbejjaħ

Li qalli Dak li fih Inti Missieri.

Dun Karm.

Ħadd-il-Karnival
1932.

# FIX-XITWA

Meta il-fewġa tar-riħ inħoss qawwija
u bit-tvenvin jittarrxu dawn widnejja;
meta iż-żiffa lè żżurni ferriħija
iżda tħabbat bil-qilla ma ħaddejja;

meta is-sema jien nilmaħ kollu mgħammem
bi sħab ikreħ, li jdallam, lewn ir-rmied
imbagħad b'xita kotrana, ir-raba' mgħawwem
nara, u it-trieq bl-ilma tfur tgelgel bħal wied;

u tleħħ dija fix-xefaq min ġo is-sema
li taħsadni, tgħammixli id-dawl t'għajnejja
magħha tfaqqigħa dlonk fil-qrib tinstema
li tħassibni l-art ferqet taħt riġlejja;

meta qilltu il-ħolqien iħoll, nitrigħed
għax jista' lilna minn xulxin ibigħed.

Diċembru /31.

Carm. Vella

# REBBIEGĦA U ŻGĦOŻIJA

Daħlet ir-rebbiegħa!

Twarrad il-ħajja f'dik iż-żiffa tajba u qawwija li donnha ġejja mill-bogħod. Il-lum donnha aktar tiddi x-xemx wara il-qagħad u d-dieqa tax-xitwa: dieb is-sħab mis-sema libieni, kaħlani u ċar daqs mera.

Ward ħelu, xbiha ta' kull sbuħija, iżewwaq il-kisja għammiexa tal-ħdura, u il-ġonna li għal xhur kienu għorwiena u imħarbta jsiru ġmiel wieħed, fwieħa waħda: għaxqa ta' kull minn jarahom.

Mis-siġar, li raħħsu u tellgħu ix-xuxa lewn it-tama, fejn reġgħet il-ħajja, jitla fl-għoli it-tpespis u it-tisfir ta' elf għasfur li ġew mill bogħod għal bejta kennija u għażiża. Mill-masġar jidwi żanżin ħelu ta' naħal, li kollha bieżla u mogħtija għaxxogħol jerdgħu in-nwar; fil-waqt li l-farfett jittajjar bla mistrieħ kollu kburi bil-lwien ta' ġwenħajh.

Il-ħawwief, bil-qtajja geġwiġija. jintefgħu l-hawn u l-hemm bħal sajjetti. Il-bilbla mitlufa f'ikħal tal-Ħallieq tinħall ġo l-għana, titfa...titfa ward ta' għana li jħenni, li jgħaxxaq, li jfakkar...

Fl-għelieqi jidwu għanjet ferħana mad-daqqa tas-suffara ta' xi żenżill u xi xbejba raħlija, li fuq il-qortin jirgħu in-ngħaġ u l-ħrief li jagħtu bir-ras u jaqbżu bħal kieku jiżfnu. Fuq il-bejt tal-barumbara il-ħamiem iwaqwaq lix-xemx fil-għoli.

F'din id-dija tar-rebbiegħa id-djar jintlew bil-ward, ifaqqgħu bid-daħq, jiddawru b'titjir, b'għana, bi ħdura. Jifraħ il-bidwi xħin jara il-qamħ jixxettel, iħaddar, jissaħħaħ malfewġiet, u ma joħlomx ħlief b'ġid u barka.

Għanja fuqana tittajjar minn kull naħa minn kull ħlieqa għal Ħallieq, u r-rebbiegħa taħkem f'dan il-ġmiel li jgħaxxaq, f'din iż-żogħżija li ssejjaħ lil kullħadd bħal kieku għal għors.

* * *

Din il-qawwa tal-ħolqien bid-daħqa tiegħu, bil-ġmiel tiegħu, bil-ħajr tiegħu timliena bil-ħajja, u tgħollina l-fuq bil-ħsieb, b-imħabbitna, b'qalbna kollha. Jiġi l-lewn ġo wiċċna, tissaħħaħ il-ħarsa tagħna, u qalbna teħles mit-toqol tad-dieqa.

Kull żagħżugħ iħoss ix-xewqa ta' ħajja għolja, sabieħa ta' xogħol, ta' ġid, ta' barka għal bnedmin kollha. U f'din ix-xewqa utieqa, kollha kemm hi taż-żgħażagħ, tbiegħed minnhom il-ħsieb ta' tmiem il-ħajja.

Kollox ifuħ, kollox igħanni fir-rebbiegħa: kollox daħq, kollox hena fiż-żgħożija. Rebbiegħa żgħożija tas-sena; żgħożija rebbiegħa tal-ħajja.

L-għelieqi jiddandnu b'libsa sabieħa, għammiexa, fewwieħa; iż-żagħżagħ dejjem iżanżnu, dejjem igeddu l-lewn. Għanja tirtefa mill-ħolqien imħabba kbira minn qalb kbira titla' il-fuq miż-żgħażagħ. Mhux ir-rwiefen, mhux xita bla heda, l-anqas tempesti: mhux dwejjaq, mhux niket, l-anqas għali. Id-dmugħ iġelben minn għajnejn iż-żgħażugħ, imma biss imqanqal mill hena imxerrda fuq qalbhom.

Kollox malajr jintesa, kollox malajr jinħafer; u tifkiriet ferrieħa jittajru ġo moħħom u jekk tiġi xi waħda moħbija b'xi daqsxejn niket malajr tegħreq ġo l-hena, u tkun biex isaħħaħ iżjed il-qalb għax-xogħol ta' tieba ta' ġid, ta' barka.

Il-fuq! il-fuq! hi l-għajta taż-żgħażagħ qalbiena bħal kavalieri tal-qedem; il-fuq! il-fuq! xejn m'hu għalina li l-iġbla huma kollha blat, xewk, u għollieq! Minn hu dak li hemm quddiemek? Jekk hu bniedem aħna għandna nimxu iżjed il-fuq! iva il-fuq,

> ħelsien mir-rbit tad-dinja
> mill-qerq u mit-taqdir? (Dun Karm)

inkella l-mewt.

* * *

Iva, żgħażagħ, sabieħ hu dan il-ħsieb tagħkom. Iva il-fuq! bla dewmien! Ma nħallux dak li hu tal-lum għal għada: il-ħajja hi qasira; ma hemmx żmien x'nitilfu.

Imma kemm jinħtieġ li wieħed jara sewwa qabel ma jimxi qabel ma jagħmel! Iż-żagħżagħ ma jafux jistennew: ma jridux ix-xemx tintefa u tinħeba wara l-mewġ biex jiġi l-għada, imma jriduha ddur għax-xefaq tal-mixraq bla ma tinżel. Il-ħtieġa tax-xogħol tagħhom, iġġerrihom, iġġorrhom. U kemm il-darba ġirja twila tidbiddel f'waqa' kbira u ta' malajr.

Jinħtieġ ukoll li l-ħsieb tagħkom ikun kollu tajjeb u safi, li tqimu dejjem il-virtù; u kif April igħatti l-art bil-ward hekk ukoll l-April tal-ħajja jrabbi f'ruħkom il-ward tal-imħabba tajba. Għax bħal ma' x-xmajjar jinxfu bla widien, hekk ukoll il-ħajja issir kollha niexfa u bla dija jekk ma tkunx imżejna bil-virtù.

Il-virtù hija r-rebbiegħa tal-ħajja, rebbiegħa li ma tafx ir-rwiefen tax-xitwa, għaliex wara li tkun warrdet fiż-żmien terġa tiftaħ qawwija u għal dejjem taħt smewwiet aktar sbieħ:

> Għax tgħaddi, tmur il-fewġa;
> fil-ġonna l-ward jitbiel;
> tinħall fix-xita s-sħaba,
> ta' xejn ma jibqa' ħiel;
>
> taħrab kull tama sbejħa
> fl-aħħar minn qalb kullħadd,
> biss tal-imħabba safja
> il-għanja ma tmut qatt (Dun Karm)

Ant. Buttigieg

# X'KELLU JIĠRI

Ma ġenb it-tieqa—ilmaħtek taqra,
U smajtek tgħanni—jien ta sikwit;
Nitlaq il-miktba—b'leħnek nitgħaxxaq
Noqgħod mhux ftit.

Sfajjar kien wiċċha—iżda wisq ħelu,
Suwed għajnejha—minn dawk il-kbar,
Xagħrha sewdieni—twil u mġigħed,
Xufftejha żgħar,

Lili dak l-għana—gost kien jatini,
Waqt li fi ġmielha—insib mistrieħ;
Żewġ ħwejjeġ dawna—li jmorru jixhdu
Tjubija w ġieħ.

Ah, kiefra xorti—minn dan taf tagħti.
It-tieqa ngħalqet—u waqa' s-skiet;
Intbaħt l-imbikki—lili f'did-dinja
Kienet ħalliet.

A. Valenzia.

**Xerrdu dejjem**

***Lehen il-Malti***

# TAGĦRIF

Bħalma ħabbarna fil-bidu ta' dal ktieb sejjrin nibdew inġibu f'dan il-qari kitba ta' barranin ukoll, jiġifieri l-aħjar kitba li jibagħtilna, jew dak li jidhrilna li jistħoqqlu jkun stâmpat. Iż-żgħażagħ li jitħajjru, bħalma tħajjar xi ħadd, jiktbu, jibagħtu l-kitba lis-Segretarju tal-Għaqda A. Butigieg, Università, Valletta.

* * *

Hi xewqa tagħna li, barra minn *Leħen il-Malti*, nibdew noħorġu xi kotba oħra ftit akbar, kull wieħed miktub minn wieħed biss u fuq ħaġa waħda biss. Noħorġu minnhom kull meta jkollna, u jitħallsu wieħed wieħed. Il-ħlas ta' kull wieħed jimxu mad-daqs tiegħu. Biex nibdew għandna studju tal-Prof. P.P. Saydon fuq it-traduzjonijiet kollha tal-Bibbja li saru bil-Malti, mill-ewwel waħda sal-lum, jiġifieri mis-sena 1822 sas-sena 1932. Ikun fih ukoll bċejjeċ meħudin mit-traduzjonijiet il-qodma li l-lum ftit jew xejn magħrufin. Jekk il-ħbieb tagħna jwegħduna l-għajnuna tagħhom, jiġifieri, li jixtruhom, aħna nibdewhom minnufih.

* * *

L-imsieħbin kollha f'*Leħen il-Malti* li ma jgħidulniex inħassru isimhom żmien ġimgħa wara li jaslilhom dan in-numru, jkunu marbutin għas-sena li ġejja kollha. Il-ħlas jista' jsir bil-flus jew bil-bolli.

* * *

Nixżuħajr bil-qalb lil dawk il-ħbieb kollha li ma' tul din is-sena għenuna biex nistgħu noħorġu dan il-qari, u nibqgħu nafuhulhom jekk huma u oħrajn magħhom jibqgħu jgħinuna b'xi ħaġa żgħira fix-xahar biex nistgħu nibqgħu sejrin il-quddiem.

---

L-isbaħ kotba bil-Malti dejjem inħadmu
fl-*EMPIRE PRESS*
266, Strada San Paolo, Valletta

## ABBONAMENT

6d. kull sitt xhur
1s. kull sena
Kopja wahda sold
Ghal barra minn
Malta id-doppju.